MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

Seduta tat-18 ta' April, 2013

Citazzjoni Numru. 86/2000/1

**Martin Cachia**

**vs**

**Valletta Freight Services Limited**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni promotrici datata t-18 ta’ Jannar, 2000, li permezz taghha l-attur fuq indikat ippremetta sintetikament is-segwenti:

1. Illi nkariga lis-socjeta` konvenuta biex tikkonsenja erba’ mija u sitta u disghin (468)kaxxa, (kif indikata mill-istess attur fic-citazzjoni promotrici tieghu, (ara fol 1)), kontenenti “*mobile phones*” mill-Ingilterra ghal Malta skont il-polza tal-kariku, fattura u “*despatch note*” in atti, (ara rispettivament fol 7, 6 u 5);

2. Illi s-socjeta` konvenuta fuq riferita nkarigat terzi persuni biex tikkonsenja l-merkanzija ndikata fil-paragrafu precedenti;

3. Illi meta l-istess merkanzija waslet Malta fl-4 ta' Frar, 1999, irrizulta li mill-merkanzija spedita fuq riferita nsterqu mitejn u sitta u ghoxrin (262), kaxxa kontenenti daqstant "*mobile phones*" tat-tip *Sharp* b'valur totali ta' sebat elef, sitt mija u tmienja u ghoxrin Lira Sterlina, (GBP 7,628.00);

4. Illi l-merkanzija *de quo* insterqet waqt li kienet f'idejn il-kura u l-kustodja tas-socjeta` konvenuta jew, f'idejn persuni li ghalihom kienet responsabbli s-socjeta` konvenuta;

5. Illi nonostante li s-socjeta` konvenuta kienet interpellata anke ufficcjalment biex thallas l-ammont fuq indikat, baqghet inadempjenti;

6. Illi ghalhekk talbet lil din il-qorti ghaliex m'ghandhiex din:

i. Tiddikjara lis-socjeta' konvenuta unikament responsabbli ghan-nuqqasijiet kagunati fil-merkanzija tal-attur meta din ma twasslitx ghandu fl-intier taghha;

ii. Tiddikjara li minhabba n-nuqqasijiet riskontrati fil-merkanzija ricevuta, l-attur sofra danni ammontanti ghal sebat elef, sitt mija u tmienja u ghoxrin Lira Sterlina, (GBP 7,628.00);

iii. Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lill-attur is-somma ndikata fil-paragrafu precedenti, applikabbli in Ewro rapprezentanti d-dannu soffert mill-attur;

iv. Bl-ispejjez legali, inkluz dawk tal-ittra ufficcjali ndikata fl-istess citazzjoni promotrici sad-data tal-effettiv pagament, kontra s-socjeta` konvenuta;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta datata s-6 ta’ Marzu, 2000, li permezz taghha sintetikament eccepiet is-segwenti:

1. Illi ma kien hemm l-ebda relazzjoni guridika bejn il-kontendenti stante li kienet is-socjeta` *Central Marine Limited* li kellha x’taqsam mal-garr ghal Malta tal-merkanzija in dizamina u mhux dik eccipjenti, u konsegwentement din tal-ahhar ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju;

2. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, la s-socjeta` konvenuta u lanqas is-*Central Marine Limited* ma ghadha agenti tad-ditta estera *Globeway Shipping & Forwarding Limited* li jidher li harget il-“*bill of lading*” favur l-attur direttament;

3. Illi l-attur irceva l-erba’ (4) “*pallets*” destinati ghalih skont il-“*bill of lading*” u kif ippakjati mill-fabbrika speditrici go “*shrink-wrapped pallets*”, li kienu ghadhom intatti meta waslu Malta, u konsegwentement is-socjeta` konvenuta qatt ma tista’ tkun meqjusa responsabbli ghan-nuqqas allegat;

4. Illi l-valur tal-oggetti kif hawn mitlub mill-attur hu ferm oghla min dak dikjarat u konsegwentement, l-ammont ta’ danni mitlub qed jigi kontestat stante li eccessiv;

Rat id-digriet taghha diversament preseduta datat it-2 t’Ottubru, 2000, li permezz tieghu iddifferiet il-kawza ghall-provi kollha tal-partijiet dwar l-ewwel zewg (2) eccezzjonijiet, (ara fol 21);

Rat id-digriet sussegwenti tal-istess qorti ndikata fil-paragrafu precedenti datat id-9 ta’ Jannar, 2001, li permezz tieghu ordnat li l-eccezzjonijiet preliminari jigu trattati flimkien mal-meritu, (ara fol 23);

Rat il-verbal tal-abbli rapprezentanta legali tas-socjeta` konvenuta datat it-23 ta’ Novembru, 2011, li permezz tieghu infurmat lill-qorti li wara ricerka minnha kondotta,

irrinunzjat ghall-ewwel eccezzjoni minnha sollevata u irtiratha, (ara fol 137);

Rat id-digriet ta' din il-qorti kif preseduta datat it-22 ta' Novembru, 2012, li permezz tieghu l-partijiet gew awtorizzati jipprezentaw noti ta' sottomissjonijiet sad-dati hemm indikati, (ara fol 146);

Rat in-nota tal-osservazzjonijiet attrici datata l-11 ta' Jannar, 2013, u n-nota responsiva tas-socjeta` konvenuta datata s-7 ta' Marzu tal-istess sena, (ara rispettivament fol 147 u 150);

Ezaminat ix-xhieda mismugha minn din il-qorti diversament preseduta flimkien mad-dokumenti esebiti;

Ezaminat ix-xhieda mismugha minnha kif preseduta;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti kif esposti mill-attur Cachia jistghu jigu sintetikament esposti bil-mod segwenti:

1. Illi jirrizulta li l-kontendenti kellhom relazzjoni kummercjali bejniethom fejn l-attur kien jimporta f'Malta merkanzija tramite s-socjeta` konvenuta *Valletta Freight Services Limited*, (ara fol 24);

2. Illi dak espost fil-paragrafu precedenti jirrizulta konfermat mix-xhieda tal-impjegata li fil-perjodu in dizamina kienet tahdem mas-socjeta` konvenuta li fid-depozizzjoni taghha sostniet is-segwenti:

"Nikkonferma li l-attur kien klijent taghna … regolari u fuq *shipments* l-attur kien jitratta mieghi", (ara fol 47);

3. Illi l-istess impjegata riferita fil-paragrafu precedenti tafferma li hi kienet impjegata mas-socjeta` konvenuta, (*Valletta Freight Services Limited*), u kienet responsabbli mis-*sales*, (ara fol 47);

4. Illi fil-kwalifika taghha riferita fil-paragrafu precedenti l-istess impjegata spjegat li l-attur Cachia kien imur ghand l-istess impjegata, jaghtiha l-ordni tieghu biex iggiblu l-merkanzija tieghu minn barra minn Malta ghal Malta, u kienet tkun hi, f'isem is-socjeta` konvenuta li tinforma lill-agenti esteri nvoluti fir-rigward u generalment, is-socjeta` konvenuta kienet tistruwixxi lil dawn l-agenti hekk minnha nkarigati biex jigbru l-merkanzija mill-istess post li minnha jkun xtraha l-attur, (ara fol 47);

5. Illi l-istess impjegata tas-socjeta` konvenuta fuq riferita tikkonferma li rigward il-merkanzija meritu tal-procedura odjerna:

i. Illi l-attur Cachia kien ittratta t-trasport tal-merkanzija *de quo* maghha;

ii. Illi hi kienet qed tagixxi ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` konvenuta fuq riferita;

iii. Illi kienet l-istess socjeta` konvenuta li hadet hsieb iggib il-merkanzija meritu tal-procedura odjerna, (ara fol 48), kif jidher anke mill-polza tal-karigu relattiva ghall-istess merkanzija, (ara fol 7);

iv. Illi l-agenti nkarigati mis-socjeta` konvenuta biex fizikament jeffettwaw il-garr tal-merkanzija *de quo* mill-Ingilterra ghal Malta kienet is-socjeta` *Global Shipping and Forwarding Limited*, (ara fol 49);

6. Illi fil-kaz in dizamina l-merkanzija nvoluta kienet il-kwantita` ta' cellulari fuq indikata mixtrija mill-attur Cachia mill-agenti tad-ditta "*Sharp*", (ara fol 25) jew ahjar "*Sharp Electronics KK Limited*", (ara fol 69), liema kwantita` kienet koperta b'polza t'assikurazzjoni, (ara fol 143);

7. Illi meta l-konsenja *de quo* waslet Malta u l-attur *de quo* mar jispezzjona l-istess merkanzija minnu ricevuta, sab mitejn u tnejn u sittin (262) kaxxa kontenenti daqstant cellulari fuq gia` ndikati neqsin;

8. Illi tul ir-relazzjoni kummercjali li kienet tezisti bejn il-kontendenti, din kienet l-ewwel okkazjoni li l-attur irceva konsenji neqsin, (ara fol 143);

9. Illi l-attur isostni li hallas dazju fuq il-merkanzija li mporta skont id-dokumenti izda ma jiftakarx jekk hallasx skont il-merkanzija kollha, (ara fol 144), ghalkemm din l-operazzjoni kienet fdata f'idejn is-socjeta` konvenuta;

Ikkunsidrat:

Illi skont is-socjeta` konvenuta t-talbiet attrici ghandhom jigu respinti sintetikament stante:

1. Illi l-attur naqas jipprova l-allegazzjonijiet tieghu minnu vantati fil-konfront tas-socjeta` konvenuta;

2. Illi l-ippakjar tal-merkanzija kien f'idejn is-socjeta` speditrici b'sistema ta' "*shrink wrap*" li baqa' intatt sal-wasla tal-istess f'Malta;

3. Illi meta l-merkanzija waslet Malta din giet spezzjonata mill-ufficcjali tad-Dwana li dejjem hu l-kaz meta jkun hemm "*groupage container*" u fil-kaz in dizamina l-ufficcjali nkarigati taw ir-"*release*" tal-merkanzija *de quo*;

4. Illi stante li meta l-merkanzija *de quo* giet hekk rilaxxata l-ufficcjali nkarigati ma ghamlu l-ebda rimarka fir-rigward tal-istat tal-merkanzija li konsegwentement ifisser li l-merkanzija *de quo* kien fi stat li fis-sengha in dizamina isibuh bhala "*clean*" u cioe`, intatta u bl-appozitu "G*ate-Pass-Out*" biex l-istess merkanzija tkun tista' tigi liberament rilaxxata mill-gurisdizzjoni doganali, (ara fol 113);

5. Illi konsegwentement, il-"*container*" fejn kien hemm l-erbgha (4) pakketti gie rilaxxat u s-sigilli tieghu

gew imkissra biex il-merkanzija hemm stivata tkun tista' tinhatt u allura tohrog mid-Dwana skont l-imsemmi rilaxx;

6. Illi ghalhekk, jekk irrizultat xi mankanza din irrizultat meta l-merkanzija kienet fil-kustodja ta' terzi u mhux f'dik tas-socjeta` konvenuta;

Ikkunsidrat:

Illi tenut kont tas-suespost jirrizulta sintetikament is-segwenti:

1. Illi l-merkanzija meritu tal-vertenza odjerna tirrizulta li effettivament ingabet Malta intatta sakemm is-sigilli tal-"*container*" li fih ingarret inqatghu;

2. Illi s-suespost gie debitament certifikat kemm mill-ufficcjali tad-Dwana kif ukoll mill-"*Bond Operator*" li spezzjonaw l-imsemmi "*container*" u l-kontenut tieghu;

3. Illi *di piu`*, anke mill-"*Gate-Pass-Out*" fuq gia` riferit jirrizulta li l-merkanzija *de quo* nharget mid-Dwana fl-intier taghha u dan, skont il-kwantitajiet indikati fic-certifikati doganali u trasportatrici in dizamina li ma jikkontjenu l-ebda referenza ghal xi nuqqasijiet fil-kwantitajiet koncernati;

Ikkunsidrat:

Illi nonostante s-suespost, filwaqt li taghmel referenza ghas-sintesi fuq espost tax-xhieda tal-ex impjegata tas-socjeta` konvenuta, (Shirley Calleja), ma tqisx li s-socjeta` *de quo* ipprovat it-tieni (2) eccezzjoni minnha sollevata u konsegwentement tirrespingiha, bl-ispejjez kontra s-socjeta` konvenuta;

Ikkunsidrat:

Illi pero`, in vista tar-rizultanzi processwali kif fuq sintetikament esposti din il-qorti ma tqisx li l-attur ipprova l-kaz tieghu skont il-ligi u ghalhekk filwaqt li:

1. Takkolji t-talbiet l-ohra tas-socjeta` konvenuta Valletta Freight Services Limited;

2. Tirrespingi t-talbiet kollha tal-attur Martin Cachia;

3. Bl-ispejjez kontra l-attur Martin Cachia.

___________________
Onor. Imhallef Silvio Meli

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------